MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Numru 1005/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**PATRICK SPITERI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **PATRICK SPITERI** bin Joseph u Maria nee Borg, imwieled H'Attard nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 1964 u residenti 'Casa San Anton', Telgha tal-Wardija, Wardija, detentur tal-karta tal-identita numru 43465M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ewwel ta' Novembru 2002 fil-Belt Valletta waqt proceduri quddiem il-Qorti Kriminali halef falz quddiem Imhallef b'setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament l-piena ta' interdizzjoni generali kif wkoll l-

interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem l-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit f’kull kaz li jkun.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta’ Dicembru 2002 esebit a fol 5 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w il-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Frar 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 9] fejn spjega li hu kien gie mqabbad jinvestiga kaz dwar xhieda li kien ta l-imputat fl-ewwel ta’ Novembru 2002 quddiem il-Qorti Kriminali preseduta mis-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef Vincent Degaetano fejn gie allegat li f’din x-xhieda li nghatat bil-gurament mill-imputat kien hemm affarijiet li ma kienux veri. Qal li meta qara t-*transcriptions* deher li l-evidenza kienet dwar restrizzjoni li kellha ssir fuq passaport tal-imputat li dak iz-zmien kien ghaddej proceduri l-Qorti u hu nghata digriet mill-Qorti tal-Magistrati sabiex isiefer.

Qal li meta xehed l-imputat kien qal li kien mar l-ufficju tal-passaporti ma Ufficjal tal-Qorti Victor McKay, wara li kien iddeposita s-somma ta’ tlett elef lira bhala parti mill-kundizzjonijiet moghtija fid-digriet tal-Qorti, fejn dawn qalulu li ma kellhomx ghalfejn jirrittimbrawlu l-passaport.

Qal li hu kien tkellem ma Victor McKay u dan kien qallu l-kontra ta’ dak li kien qal l-imputat fix-xhieda tieghu u qallu li veru li kienu marru l-ufficju tal-passaporti pero kien maghluq ghaliex kienu wara t-tlieta ta’ wara nofsinhar. Qal li meta vverifika mal-istess ufficju tal-passaporti rrizultalu li veru wara s-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar ma jkun hemm hadd hlief xi nies li jahdmu *overtime*. Qal li Victor McKay u kien qallu li meta waslu hemm u sabu li kien maghluq, kien cempel lir-Registratur tal-Qorti Lawrence Spiteri Bailey biex jghidlu x’kien gara. Qal li Victor McKay kien qallu li hu beda jghajjat u nizel *watchman* li qalilhom li kienu maghluqa ghal pubbliku u li kienu jifthu l-ghada s-Sibt filghodu. Qal li Victor McKay kien baqa mal-imputat li kellhom imorru l-ghada filghodu l-ufficju tal-passaporti pero l-ghada s-Sibt, l-imputat ma kkomunikax mieghu u hu kien haseb li l-imputat kien irranga kollox wahdu. Qal li Victor McKay t-Tnejn filghodu rega’ rritorna d-digriet li kellu f’‘idejh lil Qorti.

Fil-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2002 ix-xhud kellem lil imputat fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin fejn wara li tah s-solita twissija fil-presenza ta’ PC 130 Ivan Cilia, l-imputat irrilaxxja stqarrija li gharaf fuqha kemm il-firma tieghu, dik tas-Surgent filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax.

Qal li staqsih dwar d-data tat-tlieta ta’ Ottubru fejn gie akkuzat b’akkuzi kriminali u gie akkordat l-liberta provizorja u l-imputat rrispondih fl-affermattiv. Staqsieh dwar l-kundizzjonijiet li fosthom kien hemm li ma jistax isiefer u l-imputat rega’ rrispondih fl-affermattiv. Staqsieh jekk ghamilx rikors biex isiefer u rega’ rrispondih fl-affermattiv. Staqsieh jekk kienx ghamel xi talba u x’kienet r-risposta tal-Qorti u l-imputat rrispondih li fl-erbgha ta’ Ottubru kien ghamel talba biex isiefer u l-Qorti kienet laqatha izda ma kienx f’posizzjoni jghid ezatt x’kienu l-kundizzjonijiet ta’ dak d-digriet.

Ix-xhud ghamel referenza ghal l-istqarrija tal-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2002 fejn l-imputat, ghad-domanda li fit-tlieta ta’ Ottubru 2002 kien gie akkuzat b’akkuzi kriminali taht arrest u gie akkordat liberta kondizzjonata, l-imputat wiegeb ‘iva’. Ghad-domanda dwar fost il-

kundizzjonjijiet tal-Qorti kienx hemm li ma jistax isiefer minn Matla, l-imputat rrisponda ‘iva’. Ghad-domanda li hu kellu bzonn isiefer u li hekk ghamel wara rikors lil Qorti, l-imputat wiegeb ‘iva’. Ghad-domanda meta ghamel r-rikors u x’kienet r-risposta ghal tali, l-imputat wiegeb li ma setghax jghid bil-preciz ghaliex ma kellux l-karti fuqu. Ix-xhud qal li biex ifakkar lil imputat qallu li fost l-kundizzjonijiet tal-Qorti kien hemm wahda ta’ depositu ta’ tlett elef lira u li jippresenta l-passaport biex jigi ristrrett ghal xi pajjizi partikolari, l-imputat wiegeb li xtaq ikellem lil avukat tieghu.

Ghad-domanda li hu kien ta x-xhieda tieghu fl-ewwel ta’ Novembru quddiem l-Qorti Kriminali, l-imputat ma wegibx. Meta x-xhud staqsa lil imputat li fid-deposizzjoni tieghu kien qal li b’digriet tal-Magistrat Dottor Joseph Cassar hu kellu jkollu l-passaport tieghu ristrett ghal perjodu mill-erbgha ta’ Ottubru sal-ghaxra ta’ Ottubru 2003, l-imputat ma riedtx iwiegeb. Ix-xhud qal li qal lil imputat li dakinhar il-Qorti kienet staqsietu jekk kienx mar bil-passaport l-ufficju tal-passaporti u hu kien wiegeb “kont mort bih, urejtu din u qalli m’ghandek bzonn nghamlulek xejn, int meta tmur l-immigration ara li jkollok din f’idejk *just in case they ask you* u jkollox l-passaport” l-imputat ma kienx wiegeb ghal dan. Ghad-domanda jekk setghax jikkonfermalu minn kien l-ufficjal tal-passaporti li kien kellem, l-imputat ma wegibx. Ghad-domanda jekk kienx mar ma Victor McKay u sabu l-ufficju maghluq, l-imputat ma riedtx iwiegeb. Ghad-domanda li kien baqa ma Victor McKay li kellhom jergghu jmorru l-ghada s-Sibt filghodu, l-imputat kien ghazel li ma jirrispondix. Meta x-xhud qal lil imputat li kien zbaljat u li mhux veru kien kellem lil xi ufficjal tal-passaporti u li mhux veru li kienu qalulu li ma kienx hemm bzonn li jsir xi haga fuq il-passaport tieghu, l-imputat kien ghazel li ma jwegibx. Meta qallu li hu kien ta xhieda falza bil-gurament l-Qorti, l-imputat ma kien wiegeb xejn.

In kontr’ezami ix-xhud kkonferma li l-imputat kien talbu l-assistenza ta’ l-avukat tieghu. Qal li hu fl-ebda hin ma wera lil imputat t-*transcriptions* tax-xhieda li kellu tax-xhieda tieghu. Qal li kien minnu li l-imputat waqaf iwiegeb

ghad-domandi tieghu wara li kien talbu li jkellem lil avukat difensur tieghu u hu injorah. Cahad li ma kienx ta t-twissija lil imputat qabel ma hadlu l-istqarrijiet tieghu. Qal li meta mar l-habs ikellem lil imputat mieghu kien ha template tal-istqarrija normali fis-sens li jkun hemm t-twissija, fetaha, bdew jiktbu fis-sens li jimlew din l-istess *template* u una volta ipprintja l-istqarrija li kien rrilaxxja l-imputat sabiex jaqraha, induna li kien hemm nieqes l-partikolaritajiet tal-imputat neqsin w ghalhekk dahhalhom, rega' pprintjaha, rega' ta lil imputat ghat-tieni darba, l-imputat qraha, qallu li kienu ser izommu t-tieni printout w ghalhekk l-ewwel *printout* ma kelliex validita w irmewha. Fil-fatt, kompla jghid x-xhud, anke kopja tal-istqarrija li esibixxa bhala dokument JC kien ta lil imputat.

Illi nhar l-ghaxra ta' Jannar 2003 **xehed Victor McKay** [fol 16] fejn spjega li jahdem bhala Marixxal l-Qorti. Qal li lil imputat jafu fis-sens li kellu digriet biex ikun jista jsiefer minn dawn il-Gzejjer u d-deputat registratur tal-Magistrat Joseph Cassar, kien qallu biex jakkumpanja lil imputat l-ufficju tal-passaporti bih. Qal li dakinhar l-imputat kien gab tlett elef lira maltin bhala depositu biex ikun jista jsiefer, l-imputat kien gab karozza peress li kienet x-xita u marru l-ufficju tal-passaporti li kien maghluq u kien baqa mal-imputat li kellhom jiltaqghu l-ghada s-Sibt biex ikun jista jerga jakkumpanjah bid-digriet tal-Qorti u bil-passaport, pero lil imputat ma kienx rah aktar. Qal li t-Tnejn ta' wara kien ha lura d-digriet tal-Qorti ghand d-Deputat Registratur Lawrence Spiteri Bailey.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2005 **rega' xehed Victor McKay** [fol 112] fejn spjega li hu fl-ebda hin ma kellu fil-pussess tieghu l-passaport tal-imputat, kellu biss d-digriet tal-Qorti. Qal li meta waslu l-ufficju tal-passaporti sabu l-kancell maghluq peress li kien daqqu t-tlieta ta' wara nofsinhar u kien kellimhom xi hadd li ma jafx minn kien li qalet lil imputat li setgha jirranga billi jmur l-ajruport. Qal li l-arrangament bejnu u bejn l-imputat kien li jiltaqghu l-ghada s-Sibt biex imur mieghu l-ufficju tal-passaporti peress li hu kellu f'idejh d-digriet tal-Qorti u li ma telqu qatt minn idejh, pero l-imputat baqa ma ghamilx kuntatt mieghu. Qal li sa dak l-hin li halla lil imputat, l-passaport

tieghu ma kienx ghadu gie ttimbrat mill-ufficju tal-passaporti.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 **xehed Lawrence Spiteri Bailey** [fol 19] fejn spjega li hu assistant registrat tal-Qorti u sa ftit zmien qabel kien assenjat mal-Magistrat Dottor Joseph Cassar. Mistoqsi jekk jafx lil imputat odjern ix-xhud wiegeb li kien jafu l-Qorti peress li kellu kawza quddiem l-Magistrat Dottor Joseph Cassar u peress li diversi drabi ghamel rikors biex isiefer li dejjem kienu jigu milqugha. Ftakar li darba l-imputat kien ghamel rikors ta’ certa urgenza u kien gab d-depozitu kif ordnat mill-Qorti wara nofsinhar u kien baghat lil Victor McKay mieghu l-ufficju tal-passaporti peress li fost l-kundizzjonijiet li tat l-Qorti kien hemm li l-passaport tal-imputat kellu jigi ristrett ghal certi pajjizi. Qal li wara ftit li telqu kien cempillu Victor McKay u qallu li l-ufficju tal-passaporti kien maghluq u li kien hareg ragel li ma kienx skrivan u qallu li jekk ried jinqeda kellu jmur l-ghada s-Sibt filghodu. Ix-xhud qal li hu kien qal lil Victor McKay sabiex jiftiehem mal-imputat biex imorru l-ghada s-Sibt, peress li kellu d-digriet f’idejh. Qal li t-Tnejn ta’ wara Victor McKay kien gab d-digriet mieghu lura u kienu poggewh fil-process relattiv. Mistoqsi x’kienet d-data ix-xhud qal li ma kienx jiftakar pero kien dakinhar li infetah r-registru inferjuri. Mistoqsi jekk tawx kopja tad-digriet lil imputat, ix-xhud wiegeb li tawh.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 **xehed Aldo Testone** [fol 22] fejn spjega li fl-ewwel ta’ Novembru 2002 hu kien deputat registratur mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano li kien qed jittratta dwar rikors tal-Avukat Generali biex jigi revokat bail tal-imputat li kien inghata qabel u fil-fatt kien anke xehed quddiem s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano u l-Avukat Generali. Qal; li hu kien gie mistoqsi jekk kienx ircieva xi telefonata waqt li kien fir-Registru. Ix-xhud esibixxa kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda li hu ta dakinhar li gie mmarkata bhala dokument MS [fol 24]. Ix-xhud esibixxa wkoll kopja tax-xhieda li xehdu dakinhar flimkien mad-dokument MS [fol 24 et seq].

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 **xehed Paul Miruzzi** [fol 26] fejn qal li hu assistant registratur fil-Qorti Kriminali u li lil imputat jafu peress li kellu kawza pendenti quddiem il-Qorti Kriminali. Spjega li fil-fatt kien tela’ jixhed fi proceduri quddiem s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano. Qal li kien gie mistoqsi jekk kienx irrisponda xi telefonata waqt li kien fir-Registru Kriminali u kien wiegeb li ma kien ircieva ebda telefonata minghand l-imputat.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 **xehed PS 130 Ivan Cilia** [fol 68] fejn meta gie muri l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument JC 1, qal li dik hija l-istqarrija li l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, kien irrilaxxja wara li kien inghata s-solita twissija. Fuq iz-zewg faccati taghha gharaf kemm il-firma tieghu u tal-Ispettur Joseph Cordina filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud rega’ ghal darb’ohra kkonferma li l-imputat kien inghata s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-imsemmija stqarrija.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2003 **xehed Ignatius Ciantar** [fol 70] fejn qal li hu jahdem bhala principal fid-Dipartiment tal-Passaporti. Qal li l-hinijiet tan-nies huma mit-Tnejn sal-Gimgha mis-sebgha w nofs ta’ filghodu sas-saghtejn ta’ wara nofsinhar u nhar ta’ Sibt mis-sebgha w nofs ta’ filghodu sal-hdax u nhar ta’ Erbgha biss jifthu mit-tlieta sas-sitta ta’ filghaxija, b’siegha *break* u dan dejjem biex in-nies jinqdew. Qal li l-impjegati jahdmu mis-sebgha w kwart ta’ fighodu tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar. Qal li d-dipartiment joffri servizz ta’emergenza erbgha w ghoxrin siegha u dan biex jekk persuna jkollha bzonn tali servizz iccempel lid-direttur Mr Mifsud u jekk dan jghidilhom biex jaqdu lil tali persuna, huma jghamlu hekk, jigfieri dan isir biss fuq ordni tieghu. Qal li hu ma jafx li d-direttur tahx xi ordni biex jaghmel xi passaport lil xi nies wara l-hinjiet stipulati, ghalkemm jista jkun. Qal li lista tan-nies li jaqdi ma kellux fuqu pero pprometta li igib lista ta’ dawk in-nies li qeda wara l-hinijiet stipulati. Qal li ma jiftakarx li matul ix-xahar ta’ Ottubru kien fid-dipartiment fejn jahdem bil-kancell maghluq u kien mar ikellmu xi hadd. Qal li f’dan d-dipartiment hemm cirka ghoxrin ruh jahdmu.

Illi nhar s-sbatax ta’ Marzu 2003 **rega’ xehed Ignatius Ciantar** [fol 73] fejn esibixxa fotokopja ta’ dokument li jindika lista tan-nies li kienu bdew japplikaw ghal passaport wara l-hinijiet tal-ufficju li gie mmarkata bhala dokument AB [fol 77]. Mistoqsi minn kien xoghol fid-dipartiment in kwistjoni nhar l-erbgha ta’ Ottubru 2002 wara s-saghtejn ta’ wara nofsinhar, x-xhud qal li bhala *passport officer* ma kien hemm hadd ghalkemm fil-bini kien hemm certu Dominic Bilocca u Raymond Vassallo, kif jirrizulta minn kopja tal-*attendance sheet* li esibixxa bhala dokument AB 1[fol 79]. Qal li fl-istess bini hemm dipartiment iehor maghruf bhala ‘birth and death notification’ fejn jahdmu sal-hamsa w kwart. Ix-xhud esibixxa kopja tal-*attendance sheet* ta’ dawn in-nies li kienu hemm wara s-saghtejn ta’ wara nofsinhar nhar l-erbgha ta’ Ottubru 2004 li gie mmarkat bhala dokument AB 2 [fol 81]. Qal li minn ezami ta’dan d-dokument jirrizulta li dakinhar kien hemm xoghol certu Ian Riley, Nadia Sammut u Carlo Corte li telaq fin-nofs siegha peress li kellu erbgha sighat *time off*.

Qal li kien minnu li fil-bini in kwistjoni hemm kancell u li Dominic Bilocca u Raymond Vassallo ikunu wara dan il-kancell. Qal li tal-‘birth and death notification’ ikunu qabel il-kancell. Qal li xorta hemm antiporta tal-hgieg biex wiehed imur hdejn Ian Riley u Carlo Corte fis-sens li l-bieb irid jinfetah minn xi hadd. Qal li tal-‘birth and death notification’ jinsabu fi pjan terran. Qal li l-*passport office* jinsab vicin dak l-ewwel sular waqt li l-*counter* jinsab fil-pjan terran.

Ghalhekk ikkonferma li fl-erbgha ta’ Ottubru 2002 wara s-saghtejn ta’ wara nofsinhar ma kien hemm hadd impjegat fil-*counter* fil-pjan terran tal-*passport office*. Ix-xhud kompla jghid li dakinhar tal-erbgha ta’ Ottubru 2002 hu kien bis-*sick leave* w ghalhekk dak li ghadu kemm qal irrizultalu mid-dokumenti li esibixxa u mhux ghaliex kien presenti hu. Mistoqsi jekk fil-hamsa ta’ Ottubru 2002 kien bis-*sick leave* wkoll, x-xhud ma ftakarx iwiegeb, ghalkemm fuq l-*attendance sheet* li esibixxa jirrizulta. Qal li d-dokument AB li esibixxa jinzamm fl-ufficju tal-

*passport office* u hu nkarigat minnu Mr. Grech li ghandu l-ufficju tieghu fl-ewwel sular. Qal li dan d-dokument jindika dawk in-nies li jidhlu xoghol wara s-saghtejn u nofs u fuq jistghu jiktbu hu u Mr. Grech, u dan permezz ta' *roster*. Qal li fuq dan d-dokument hu kiteb *entry* fit-tnejn w ghoxrin ta' Ottubru 2002 u qabel hemm *entry* ohra tat-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2002 miktuba minn Mr. Grech.

Mistoqsi ta' minn kienet l-kalligrafija fuq l-*attendance sheets* dokumenti AB 1 u AB 2, x-xhud qal li fuq dawn jiffirmaw kull ufficjal. Qal li dawn huma *loose sheets* u jigu preparati minnu u minn Mr. Grech fit-tarf tal-gimgha partikolari biex ikunu lesti ghal bidu tal-gimgha ta' wara. Qal li Dominic Bilocca mhux suppost kellmu wara l-hinijiet tas-saghtejn pero qanpiena ghandhom fid-dipartiment. Qal li biex jidhol xi hadd wara l-kancell ma hemmx qanpiena, hemm *camera* u l-*monitor* taghha qieghed fl-ufficju tad-direttur u tas-segretarju tieghu biex ikunu jafu jekk hemmx xi hadd wara l-kancell, ghalkemm ma jistghux jikkomunikaw maghhom. Qal li l-kancell jinsab f'nofs t-tarag bejn il-pjan terran u l-ewwel sular.

Illi nhar l-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2005 **rega' xehed Ignatius Ciantar** [fol 115] fejn qal li s-soltu meta jidhol xi Marixxal akkumpanjat minn akkuzat biex issirlu xi restrizzjoni fuq il-passaport tieghu, l-passaport in kwistjoni jigi mizmum jew mill-akkuzat stess jew mill-marixxal. Qal li l-imputat kien mar l-ufficju tal-passaporti b'din il-problema. Mistoqsi jekk l-passaport tal-imputat kienx f'idejh jew f'idejn il-marixxal ix-xhud wiegeb li ma setghax jghid u dan peress li mhux l-ewwel darba li kien mar fuq kwistjoni simili.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2003 **xehed Dominic Bilocca** [fol 83] fejn qal li hu *principal officer* fir-Registru Pubbliku. Spjega li fis-sajf li ghadda, kien gie trasferit ghal *passport office* biex jahdem fuq il-kotba tar-Registru Pubbliku. Qal li fl-erbgha ta' Ottubru 2002 hu kien stazzjonat l-*passport office* u kien xoghol dakinhar. Meta gie muri l-*attendance sheet* dokument AB 1 ikkonferma dak li kien ghadu kemm qal. Qal li l-ufficju tieghu jinsab fl-ewwel sular wara l-

kancell u li dakinhar l-kancell inghalaq ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Qal li hu kien hemmhekk u dam hemm sal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar. Qal li dakinhar kien mar d-dipartiment l-imputat akkumpanjat minn Victor McKay jkellmuh. Qal li lil imputat jgharfu presenti fl-awla. Qal li Victor McKay dakinhar kien talbu qallu li l-imputat xtaq jaghmel passaport urgenti u hu kien rrispondih li fuq procedura ta' passaporti ma kien jaf xejn w ghalhekk ma setghax jghinu u kien issuggerilhom li jergghu jmorru l-ghada s-Sibt, biex l-imputat jara jistax jirranga. Qal li hu ma ssuggerixxa xejn x'kellu isir peress li dwar procedura ghal hrug ta' passaport ma kienx intiz. Mistoqsi jekk nizilx xi hadd mill-ufficju tieghu warajh ikellem lil imputat u lil Marixxal Victor McKay, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li dakinhar kien hemm xoghol Raymond Vassallo. Ix-xhud ikkonferma li fl-ufficju tal-passaporti dakinhar tal-erbgha ta' Ottubru 2002 wara s-saghtejn ta' wara nofsinhar kien hemm hu u Raymond Vassallo biss.

In kontr'ezami x-xhud qal li ghandu tletin sena servizz u li kien ghamel diversi snin jahdem fir-Registru Pubbliku. Qal li kienu cemplulhom xi ufficjali tal-Probation li ghandhom ufficju fuqhomu qalulhom li kien hemm xi nies ghalihom u meta hu hares lejn il-*monitor* ra li kien hemm xi nies isfel wara l-kancell. Qal li meta ndirizza lil imputat u lil Marixxal, t-tnejn setghu jisimugh ghaliex kienu flimkien. Qal li hu ma hassx li kellhom urgenza ghal hrug ta' dan l-passaport. Mistoqsi jekk il-qanpiena li sema' kienetx taghhom jew le, x-xhud qal li ma deherlux li kienet taghhom ghaliex qanpiena diretta ghal ufficju taghhom hdejn il-kancell ma hemmx.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2003 **xehed Raymond Vassallo** [fol 86] fejn qal li hu jahdem bhala skrivan l-ufficju tal-passaporti u li nhar l-erbgha ta' Ottubru 2002 hu kien xoghol. Kien dahal fis-sebgha w nofs ta' filghodu u hareg fl-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar. Mistoqsi mill-Qorti jekk wara s-saghtejn u nofs dakinhar kienx mar xi hadd biex jinqeda mill-ufficju tieghu, x-xhud m'gharafx iwiegeb. Mistoqsi jekk kienx jaf lil imputat odjern, x-xhud qal li kien jafu minn esperjenzi qabel. Mistoqsi jekk rax lil

imputat fl-ufficju tieghu nhar l-erbgha ta’ Ottubru 2002, ix-xhud qal li sa fejn jaf hu ma kienx rah dakinhar hemmhekk. Qal li sa fejn jiftakar hu ma kien mar hadd l-ufficju dakinhar tal-erbgha ta’ Ottubru 2002 jitlob xi passaport. Qal li xogholu hu fuq l-inventarju u ma kellux x’jaqsam ma passaporti.

Illi nhar s-sbatax ta’ Marzu 2003 **xehdet Nadia Sammut** [fol 88] fejn qalet li hi skrivana fejn jirregistraw t-twelid u l-mewt ta’ persuni u dan fi Strada San Paolo, il-Belt. Qalet li l-ufficju taghha huwa *ground floor* u li hi tahdem fuq in-naha ta’ gewwa tal-ufficju u li l-grada tkun maghluqa. Qalet li ma tiftakarx li dakinhar tal-erbgha ta’ Ottubru 2002 kien mar xi hadd jitlobha xi hrug ta’ xi passaport u li jekk xi hadd ihabbat, lanqas biss tisimghu minn gewwa. Qalet li l-ufficju taghha jkun maghluq fis-saghtejn u nofs w ghalhekk jekk xi hadd imur, ma tkunx taf. Qalet li huma jghalqu f’nofsinhar u jibqghu xoghol sal-hamsa w kwart pero l-bibien jinghalqu f’nofsinhar w ghalhekk minn jigi wara nofsinhar ma jisimghuhx. Qalet li hi ma passaporti m’ghandha x’taqsam xejn.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Lulju 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 128] fejn qal li hu ghandu proceduri ghaddejjin quddiem il-Magistrat Dottor Joseph Cassar u li minhabba x-xoghol tieghu bhala avukat kellu bzonn jsiefer. Qal li jiftakar li kien ghamel rikors biex isiefer u l-Magistrat kien laqa t-talba tieghu u fost l-kundizzjonijiet li kien impona fuqu kien hemm li kellu jiddeposita tlett elef lira fir-Registru tal-Qorti. Qal li f’dawk il-proceduri kienet l-ewwel darba li kellu bzonn jaghmel rikors biex isiefer lejn Londra f’dik il-gimgha stess l-Gimgha filghaxija.

Qal li l-Gimgha kien gie nfurmat li kellu jiddeposita tlett elef lira biex ikun jista jisefer u ghalhekk ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta’ wara nofsinar mar ghand d-deputat registratur Lawrence Spiteri Bailey bit-tlett elef lira biex jiddeposithom u sussegwentement kien gie akkumpanjat mill-marixxal Victor McKay l-ufficju tal-passaporti biex il-passaport tieghu jigi ttimbrat u l-proceduri tas-soltu. Qal li dakinhar peress li kienet x-xita

kien mar bil-karozza ghal marixxal u marru l-ufficju tal-passaporti fi Strada San Paolo ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta’ wara nofsinhar, pero l-ufficju kien vojt.

Qal li marru fl-ufficini fil-*ground floor* fejn kien hemm persuna li qaltilhom li l-ufficju kien maghluq u li setgha jaghti l-kaz li kien hemm xi hadd fuq w ghalhekk telghu fuq hu u Victor McKay. Qal li wara ftit avvicinhom ragel li kien jaf li kien jahdem r-Registru Pubbliku, li wara sar jaf li kien Dominic Bilocca, il-marixxal urih l-karti li kellu w il-passaport tieghu u dan qalilhom li kellhom imorru l-ghada s-Sibt peress li kienu maghluqin jew imur mill-ewwel l-ajruport ghaliex setgha jikklerja l-affarijiet hemmhekk. Qal li wara, hu w il-marixxal nizlu isfel u l-marixxal Victor McKay hallielu l-karti tal-Qorti, tah n-numru tal-mobile tieghu biex l-ghada jiltaqghu u jmorru l-*passport office* l-ewwel haga filghodu.

Ix-xhud kompla jghid li filghaxija dakinhar kien mar l-ajruport u wara li ccekkjat l-bagalji w ghaddihom mill-*iscanner*, tela’ fuq fejn sab lil tal-passaporti, urihom il-passapaort u l-karti w ghaddewhomlu b’mod normali u hadd ma qallu xejn u telaq. Qal li wara gimgha kien rega’ rritorna lura Malta u ghall-ewwel hadd ma qallu xejn u ghalhekk haseb li kollox mexa normali. Qal li sussegwentement wara xi xahar u nofs rega’ kellu bzonn isiefer u hekk ghamel u kien hemm problema w ghalhekk ghamel rikors u d-digriet tal-Qorti ma kienx ghadu hareg qabel ma effettivament siefer u kien gie arrestat u ghadda proceduri dwar dan. Zied jghid li sussegwentement kien spicca qudddiem s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano u ta x-xhieda tieghu dwar dan u cioe li diversi drabi kien siefer *pendente lite*.

Qal li dakinhar li kien siefer minghajr ma kien inghata digriet kien gie lura wara gurnata u kien mar ghand l-Ispettur Gatt. Qal li hemm x-xhieda tieghu dwar dan il-kaz u fix-xhieda tieghu kien ghamel referenza ghal ewwel darba li siefer ghaliex kien qal li kien mexa b’mod regolari. Qal li dakinhar s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano kien spjegalu s-sitwazzjoni li kienet grat u hu kien fehmha. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk il-persuna li

nizlet minn wara l-kancell waqt li kien l-ufficju tal-passaporti dakinhar kienet qaltlu li ma kellu x'jaghmel xejn, ix-xhud wiegeb li mhux hekk kien qallu izda kien qallu li setgha jmur l-ajruport u jirranga fl-ufficju li hemm hemmhekk u li jekk ma jirrangax setgha imur l-ghada l-ufficju tal-passaporti. Qal li hu kien ilu jsiefer sentejn shah u li l-Pulizija kienu nfurmati bit-tluq w ir-ritorn tieghu. Qal li hu ma kienx ikkwota verbatim dak li kien qallu Dominic Bilocca meta xehed quddiem s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano peress li l-kaz kien ilu li gara xahar u nofs w ghalhekk qallu dak li kien fehem hu qabel.

Ikkunsidrat:

Il-ligi taghna ma taghtix tifsira jew ahjar definizzjoni ezatta ta' x'jikkostitwixxi gurament falz. Pero biex jissusisti r-reat ta' spergur, iridu jezistu jew ahjar jikkonkorru flimkien erbgha elementi u cioe:-

1. xhieda moghtija fi procedura kriminali:
2. moghtija taht gurament moghti skond l-ligi minn awtorita kompetenti :
3. li tali xhieda hija <u>falza f'materja partikolari u li affettwat d-decizjoni tal-gudikant</u>: u
4. l-volunta konxja tal-falsita f'tali xhieda.

I1-Kodici taghna ma janalizzax l-element tal-falsita pero jekk naraw l-ligi Taljana fuq dan il-punt insibu li **Antolisei** a fol 845 tal-ktieb tieghu ***Manuela di Diritto Penale(pt. 11 speciale)*** jghid:

"*Commetta questo delitto (i. e. falsa testimonianza) colui che deponendo come testimone inanzi all'autorita giudiziaria, afferma il falso o nega il vero ovvero tace, in tutto o in parte, cioe che sa intorna ai fatti sui quali e interrogato.*"

Ghalhekk jiehu gurament falz kulmin jikkonferma l-falz jew jinnega l-verita.

Huwa importanti pero li dan isir <u>b'mod voluntarju</u> u <u>bil-konsapevolezza kollha</u>. Jigifieri li huwa importanti li jigi ppruvat apparti l-falsita attwali, u possibilita ta' hsara li1

amministrazzjoni tal-gustizzja, irid jigi ppruvat *l-mens rea* li ix-xhud qed jghid il-falz.

Dwar dan l-element u cioe li l-falsita tax-xhieda trid tkun voluntarja u moghtija b'xjenza, l-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu jghid:

"With regards to the element 'wilfully made' which constitutes the intentional element of the crime, it is necessary that the person making the statement, should have the full conciousness of preventing the truth. If on account of ignorance, forgetfullness or other cause exclusive of malice, a statement has been made, which is objectively false, no criminal responsibility under this section is incurred."

L-element materjali ta' dan r-reat hu t-testimonjanza falza li giet moghtija wara li nghata l-gurament.

Issa f'dan il-kaz, jirizulta bic-car li l-imputat inghata l-gurament skond l-ligi nhar l-ewwel ta' Novembru 2002, qabel ma beda jiddeponi quddiem il-Qorti Kriminali fuq rikors maghmul mill-Avukat Generali sabiex l-imputat jitlef l-beneficcju mill-helisen li huwa kien inghata mill-Qorti tal-Magistrati waqt proceduri li kienu qed jinstemghu quddiem dik il-Qorti.

Fil-Qorti Kriminali, skond dak li qal l-Ufficjal Prosekutur u skond ma jirrizulta mit-traskrizzjonijiet li ma gewx kontestati minn hadd, l-imputat qal li meta mar l-ufficju tal-passaporti, flimkien mal-marixxal, xi ufficjal ta' dan l-ufficju tal-passaporti, qallu li ma kellux ghalfejn jirristringulu l-passaport tieghu ghaliex fid-digriet tal-Magistrat allegatament kien hemm imnizzel li l-imputat setgha jsiefer una volta l-passaport tieghu jigi ristrett.

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u cioe mix-xhieda ta' Victor McKay, li allegatament kien akkumpanja lil imputat f'dan l-ufficju tal-passaporti, mhux veru li kien sar dan d-diskors u fil-fatt Victor McKay spjega dak li effettivament kien ftiehem mal-imputat u cioe li kellhom

jerghu jmorru l-ghada ghaliex l-ufficju in kwistjoni kien maghluq dak l-hin u kien ser jerga jiftah l-ghada s-Sibt.

Meta l-imputat xehed quddiem din il-Qorti nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2005, kwazi tlett snin wara li sehh dan l-incident, qal li l-ufficjal fl-ufficju tal-passaporti Dominic Bilocca kien qallu li jew li kellu jerga jmur l-ghada s-Sibt jew imur mill-ewwel l-ajruport u jirranga hemmhekk. Fil-fatt huwa mar l-ajruport bid-digriet f'idejh u l-ufficjali tal-ajruport ma waqqfuhx u hallewh jghaddi minghajr ma rrestringulu l-passaport tieghu.

L-imputat jghid li huwa xehed quddiem il-Qorti Kriminali u "spjega s-sitwazzjoni kif fehma hu" [fol 130]. Huwa qal li ma kkwotax verbatim lil Dominic Bilocca meta xehed quddiem s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent Degaetano. Qal li hu xehed zmien wara li sehh l-incident w ghalhekk qal li dak li kien fehem hu.

Illi ma jidhirx li dawn il-fatti huma kontestati u dan ghaliex fil-fatt l-Prosekuzzjoni ma staqsiet l-ebda domanda dwar l-attegjament tal-imputat u cioe ghaliex xehed dak li xehed.

Dominic Bilocca kkonferma li fil-fatt dakinhar tkellem mal-imputat pero qal li ssuggerilu jerga jmur l-ghada s-Sibt ghaliex l-ufficju tal-passaporti ikun miftuh u xejn aktar, ghaliex fuq l-procedura ta' hrug ta' passaport, ma kienx intiz.

Victor McKay pero jghid fix-xhieda tieghu ta' nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2005 [fol 133] li verament dakinhar kien hemm persuna wara l-kancell fl-ufficju tal-passaporti li qalet lil imptuat li seta jirranga l-ajruport u fil-fatt zied jghid li qal lil imputat li jekk ma jirrangax, hu kien lest li jerga jidhol l-ghada s-Sibt mieghu.

Illi ghalhekk mis-suespost, ma jirrizultax li l-imputat xehed l-falz fic-cert. Huwa minnu dak li allegat d-difiza, li l-Qorti trid tara x-xhieda moghtija fit-totalita taghha, ghaliex mhux kull imprecizjoni twassal ghal gurament falz. Ix-xhieda li tinghata trid tigi meqjusa fil-komplessivita taghha fuq punti materjali.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, **tiddecidi li ma ssibx lil imputat PATRICK SPITERI hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------